~~mgħaqqad ma' ħaġa li tidher wisq xierqa, ma tħajjarniex biex intennu li proprju Ġesù għandu **żgur** jinżel biex jagħmel il-ġudizzju universali f'dan il-wied. Wisq aktar li kien San Ġirolmu l-ewwel wieħed li fl-390 għaqqad l-idea tal-wied ma' l-idea tal-ġudizzju universali. San Ċirillu d'Alessandrija jwarrab l-idea u jsejħilha vojta u bla saħħa.~~

~~Dan li qed niktbu ma jfissirx li l-ġudizzju universali ma jsirx jew inkella li ma jistax ma jsirx f'Wied Ġosafat, għax dan il-ġudizzju jsir żgur u x'imkien irid isir, imma qegħdin ngħidu li l-idea m'hiex imsejsa biżżejjed fil-kitba ta' l-Iskrittura, imma hija konvinzjoni popolari li trabbiet bil-mod il-mod matul iż-żminijiet minħabba ċerti ċirkustanzi storiċi li mhux dejjem laqtu sewwa s-sens u t-tifsir tal-ġrajjiet tagħhom.~~

~~P. MIKIEL CATANIA, o.f.m.~~

# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

## MEXXEJ ĠDID GĦALL-KUSTODJA TA' L-ART IMQADDSA

F'jum tax-xahar ta' Lulju, ir-Radju Vatikana ħabbret li bħala Mexxej ġdid għall-Art Imqaddsa ġie maħtur, minflok ir-Rev.mu P. Lino Cappielli, li għalaq iż-żmien tiegħu, ir-Rev. mu P. ALFONS M. CALABRESE, O.F.M., li hu iben ta' l istess Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. Nifirħulu u nixtiequlu "AD ALTIORA".

Aħna, li nafu tajjeb u aħna ħbieb sà minn żmien ilu ta' dan il-Kustodju l-ġdid, fraħna fuq li fraħna għal din l-għażla tiegħu, għax aħna żguri li hi ta' ġid għall-Kustodja. Żagħżugħ li bilkemm għalaq il-51 sena, imħarreġ sewwa fix-xogħlijiet tal-Missjoni, billi għal bosta snin kien "Id-Direttur taċ-Centru Stampa u Propaganda għall-Kummissarjati ta' l-Italja u ta' Malta", u, barra milli jaf sewwa t-Terra Santa, jaf ukoll il-ħtiġijiet tagħha. Kien hu li bil ħidma tiegħu saru dawk il-films fuq it-Terra Santa, li hekk taw dawl fuq dik l-ewwel Missjoni, li hi l-ġawhra tal-Missjonijiet Franġiskani.

## IR-REV.MU P. MIN. ĠENERAL TAL-FRANĠISKANI JŻUR L-ART IMQADDSA

Ir-Rev.mu P. COSTANTINU KOZER, Ġeneral ta' l-Ordni Franġiskan, għamel żjara, bħala pellegrin, lill-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. Żar Ċipru, l-Eġittu, is-Sorija, il-Libanu, il-Ġordanja u Iżrael. Ma ħalla ebda Knisja jew Santwarju fejn ma marx biex bil-persuna tiegħu ta' Missier ifarraġ lil kull Missjunarju li qed jaqdi dik il-Missjoni hekk għażiża għalina l-Franġiskani.

## OSSERVATORJU TA' L-ASTRONOMIJA FUQ IS-SINAJ

Il-Professur NEEMAN stqarr u ddikjara li fuq l-għolja tas-Sinaj, qrib il-Monasteru ta' Santa Katerina se jitwaqqfu, ma jdumx, teleskopji mill-aktar perfezzjonati tad-dinja. U l-Professur titulari tal-Kattedra tal-fiżika ta' l-Università ta' Tel Aviv qal ukoll, li grupp ta' esperti huma ġa fuq l-għolja tas-Sinaj jistudjaw l-atmosfera ta' dawk l-inħawi.

## FL-OKKAŻJONI TAĊ-ĊENTINARJU TA' SAN PIETRU

Fl-okkażjoni taċ-ċentinarju ta' San Pietru, il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa qatgħet li mill-ġdid tifli, tistudja u tissistema xi imkienijiet imqaddsa li għandhom xi tifkira tal-Prinċep ta' l-Appostli, fuq ix-xtajta tal-Bħajra ta' Tabarija. Hemm KAFARNAHUM, fejn kien joqgħod San Pietru, u TABGHA, fejn Kristu għażlu b'Rgħajjes tal-Knisja.

F'TABGĦA qed imexxi l-iskavi, ir-R. P. Stanislaw Loffreda, o.f.m., u f'Kafarnahum ir-R.P. Virġilju Corbo, o.f.m., it-tnejn magħrufin għal ħafna xogħlijiet oħra li għamlu fit-Terra Santa.

## GRAZZJI MAQLUGĦA

Miss Gemma Sammut, mill-Mosta, trodd ħajr minn qalbha lill-Madonna Addolorata tal-Kalvarju, f'Ġerusalem, għall-grazzja kbira li qalgħet minn għandha, u biex ixxerred dejjem id-devozzjoni Lejha qassmet 50 xbieha bil-kurunella tagħha.

---

Mrs. Mary Debono, li toqgħod fl-Awstralja, għal grazzja kbira li qalgħet a favur ta' binha, trodd ħajr minn qalba lill-Madonna Addolorata tal-Kalvarju u tqassam 50 kopja tax-xbieha u l-kurunella tagħha biex dejjem ixxerred iżjed id-devozzjoni Lejha.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiquna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

PAOLA: Robert Farrugia. Assunta Farrugia. Aronne, Giuseppe, Marıa, Carmela, Filippa, Anna u Lucia Camilleri, Salvu Raket. Marianna Borg.

ZEBBUG: Albert Barbara Gioacchina Mifsud. Albert Buhagiar. Marianna Dimech. Ciuseppe Baldachino. Manuela Albertoni. Ciuseppe Cordina.

GZIRA: Anna u Mose Baldacchino. Assunta u Manuela Caruana. Manuele Pisani. Felicia Pisani. Ciovanni u Maria Fenech. Crazia u Manuele Xuereb. John Mary Caruana. Anthony Gallo. Catarina Gallo. Carmelo Bonnici. Salvu, Orsola u Marco Panzavecchia. Georgina Zammit. Antonio Zammit. Salvu Abela, Toni, Rose u Giuseppe Desira. Kelinu u Giovanni Mifsud. Angelo Gafa. Grazia u Francesco Sammut. Deodata Schembri. Catarina, Giuseppe u Teresa Sammut. Carmelo, Catarina, Manuele u Giusi Muscat.

ZABBAR: Francesca Micallef. Salvu, Fredu, Paola u Carmela Mifsud. Toni u Pina Fenech. Antonio u Francis Magro. Franz u Toni Magro. Giuseppe Buttigieg. Grazia Caruana. Giuditta Darmanin. Luisa Busuttil.

SAN GILJAN: Maria Fenech. Saviour u Speranza Camenzuli. Concetta u Costantina Borg.

SLIEMA (San Girgor): Antonio Borg Cardona. Filomena Buhagia. Giuseppe Mifsud.

ZURRIEQ: Giovanni u Teresa Mifsud. John Mallia. Cetta Camilleri. Maria Concetta, Alberto, Carmelo u Zareno Cachia. Nicola u Paola Schembri. Carmelo u Paola Cachiani.

SAN BASTJAN QORMI: Grezia Muscat. Francesca u Andrea Muscat. George Farrugia. Paul u Georgia Vella. Gianni Farrugia. Rose, Toni, Maria u Carmelo Vella. Liberata Felice u Giusa Vella, Carmen u Giuseppina Micali.

HAMRUN: Giuseppi, Francesco u Spiridione Cordina. Salvatore, Filippa, Paolo u Carmela Mifsud. Carmelo Borg Bonaci. Manuela u Salvatore Borg. Giovanni Bugeja. Elisabeth Zammit. Giusa Gatt. Salvu, Mary u Carmela Spiteri.

SAN PAUL IL BAHAR: Anna Del Mar. Nicolina Mizzi. Paolo Saliba. Catarina Buhagiar. Elisabeth Cordin . Maria Sammut. Vincent u Evekina Calleja. Joseph Casaletto.

LUQA: Zareno Abela Georgio Camilleri. Margherita Aquilina. Sabina. Buhagiar. Giusa Cordina. Margherita u Giuseppina Camilleri. Elisabeth Muscat. Catarina Gatt. Filomena Azzopardi. Giovanna Magro. Sofia. u Alica Muscat. Giuseppe, Georgina, Carmela, Rita, Doris, Anna Giuseppe u Ruth Camilleri.

GUDJA: Antonia Muscat. Giuditta Borg. Maria Cordina. Filomena Buhagiar. Salamone Magro. Nicola Borg. Remigio. Azzopardi. Tomaso Scicluna.

SENGLEA: Antonio Borg. Filomena Aquilina. Anselmo Cordina. Spiridione Magro. Giovanni, Georgio, Gregorio, Ugo u Mansueto Buhagiar. Maria, Antonia, Catarina u Alberto Mifsud.

MOSTA: Carmelo Sciberras. Anna Joseph Scibberras. Maria, Giusa, Rita, Dolores, Giusi, Carmelo, Giovanni u Tonino Agius. Carmelo, Giammaria u Rosaria Fenech. Giuseppe u Teresa Tanti. Victoria, Mary, Tessie, Carmel, Christina, Giovanni, Francesco, Joseph u Mario Blackman. Maria. Marianna, Salvatore, Giuseppe, Giomaria, Francesco, Alberto u Antonia Deguara. Bernarda, Antonio, Carmelo, Marianna, Teresa, Giuseppe, Carmelo, Maria u Salvatore Simonetti.

## GHAWDEX

RABAT: Antonia, Giuseppina, Angelica, Annunziata u Catarina Borg. Filomena, Concetta, Carmela, Rita, Giuseppina, Stella, Emmanuela, Salvina u Bernarda Azzopardi. Hilda, Lucia, Marylene, Elisabeth, Dolores, Giuditta u Rosaria Chetcuti. Catarina, Alice, Eleonora, Rosina, Beatrice, Salvina u Filomena Vella.

QALA: Rebecca, Susanna Giovanna u Antonio d'Emmanuele. Stefano, Valentina u Gioaccino Baldacchino. Assuero, Giuseppe, Concetta, Mananni, Rita u Fortunato Buhagiar. Giudita, Esther, Catarina, Mananni, Gaetano u Maria Cordina. Giuseppe, Maria, Filippo, Salvatore, Leonardo u Emmanuela Magro. Alessio, Giuseppina, Gian Giusep u Margherita Vella. Gioacchino, Pasquale, Vincenzo, Angelico u Marie Rose De Giovanni. Catarina, Maria, Georgina, Carmelina u Rita Sammut. Mary, Paolina, Vittoria, Maria Assunta, Gioacchina, Moira, Christoforo u Venera Zammit. Assunta, Marie Luis, Vivianna u Lilliana Farrugia. Emmanuela, Catarina, Giuseppina, Filomena, Serafina u Serafino Scicluna. Marianna u Giuseppina Fenech.

*Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*